Citta Notabile

# MINUTI

## Laqgħa tal-Kunsill Lokali Mdina

## IT-TMIEN'LEĠISLATURA

## Laqgħa Numru 43

It- Tnejn,22 ta' Awwissu 2022

Il-Kunsill Lokali Mdina ltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz Corte Capitanale, Misraħ il-Kunsill, Mdina fit-9.00am.

**PREŻENTI:**

Peter Sant Manduca – Sindku
Joseph Debono- Viċi Sindku
Mary Ann Sultana- Kunsilliera
Camille Scerri- Kunsilliera
Alfred Barbaro Sant- Kunsillier

**ASSENTI B'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3)**

**ASSENTI**

**UFFIĊJAL PREŻENTI:**

Mark Mallia – Segretarju Eżekuttiv

**Minuti**

Is-Sindku Peter Sant Manduca ippresjeda l-laqgħa li bdiet fit-9.06am

## 43.1 Qari tal-Ittri ta' Apoloġija

43.1.1 Ma kien hemm ebda ittri ta' apoloġija

## 43.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti

43.2.1 Fuq il-Mejda tal-Kamra tqegħdu l- minuti tal- Wieħed u Erbgħin u Tnejn u Erbgħin laqgħa. Kopja tal-Minuti ngħatat lil kull Kunsillier qabel il-laqgħa

43.2.2 Is- Sindku staqsa jekk hemx xi korrezzjoni tal-minuti. Il-Minuti kienu approvati unanimament. Is- Sindku flimkien mas- Segretarju Ezekuttiv iffirmaw il-minuti biex juru li huwa dokument korrett.

## 43.3 Komunikazzjoni tas- Sindku

43.3.1 Is- Sindku ressaq talba urġenti fejn talab li jsiru xogħolijiet ta' *bush hammering* fuq l-art li tinsab fid- daħla ta' Bieb il-Griegi u r-rampa li hemm fi Triq Magazzini għar-raġuni li maz-zmien l-art ġiet lixxa bil-konsegwenza li kien hemm aċċident fil-Bieb tal-Griegi fejn mara zelqet u fortunatament ma weġġgħetx. Għaldaqstant dawn ix-xogħolijiet għandhom b'mod immedjat isiru.

43.3.1.1 Il-Kunsill approva u talab lis- SE biex jingħata Direct Order għal dan il-għan.

43.3.2 Is- Sindku nfurma lill-Kunsill li kellu laqgħa mal- Perit ta' Infrastructure Malta fuq ix-xogħolijiet li għaddejjin bħalissa fit- Taraġ tas- Saqajja. Is- Sindku talab li l-art il-ġdida isirulha xogħolijiet ta' *bush hammering* għaliex din l-art sfortunatament ġiet tizloq bil-konsegwenzi kollha tagħha.

43.3.3 Is- Sindku wera' l-preokkupazzjoni tiegħu għal fatt li fit-Telgħa tas- Saqqajja qed jitħalla skart kummerċjali jinġemgħa taħt it- Taraġ tas- Saqqajja u dan l-att qed isir ta' spiss minħabba xi persuni jew kuntratturi tal-ġbir ta' skart li mhux qed jimxu mal-prassi. Huwa qal li bħala Kunsill kellimna lil-awtoritajiet ta' l-infurzar biex jagħmlu l-ispezzjonijiet tagħhom f'dan ir-rigward.

43.3.4 Is- Sindku infurma lil Kunsill li permezz u l-għajnuna tar- Reġjun Punent, il-Kunsill ser ikollu għad-disposizzjoni tiegħu tlett kameras ta' sigurta' fejn ser jitwaħħlu barra Vilhena Gate u ser tkun mħarsa mill-LESA. Jista' jagħti l-kaz li 'l quddiem titwaħħal oħra fejn Greeks Gate.

43.3.4.1 Fuq dan suġġett tkellem is- SE fejn infurma lil Kunsill li wasal z-zmien li jkollna Data Protection Officer professjonali minħabba l-fatt li dawn l-aħħar xhur twaħħlu diversi cameras ġewwa l-Mdina u għaldaqstant wieħed irid joqgħod attent ta' kif jinterpreta il-liġi tal- Data Protection speċjalment fejn jidħol dan it-tip ta' sorveljanza. Il-Kunsill approva li tinħareġ sejħa għal kwotazzjonijet biex jiġi mqabbad Data Protection Officer

43.3.5 Is- Sindku infurma lil Kunsill li huwa sab persuna li huwa dispost li ta' kull jum itella' l-Bandiera ta' Mdina fuq id-daħla ta' l-Mdina. Huwa qal li bix-xieraq bħala belt nobbli, bħas-snin l-imgħoddi jkollha l-bandiera tperper. Din ser tiswa' lil- Kunsill s-somma ta' € 70 fix-xahar. Il-Kunsill approva.

43.3.6 Is- Sindku nfurma lill-Kunsill li l- Ministeru ta' l-Onor. Dalli ser jagħti lil Kunsill tletin siġra biex inkomplu nsebbħu l-ambjent ta' l-Mdina.

43.3.7 Is- Sindku nfurma lill- Kunsill li fuq talba tiegħu stess, Infrastructure Malta ser jagħtu lil Kunsill tlett dustbins ta' ċertu daqs.

43.3.8 Is- Sindku nfurma lill- Kunsill li f'Settembru li ġej ser jibda' jiltaqa' il- Rehabilitation Committee ta' L- Mdina fis-Sala tal-Kunsill.

43.3.9 Is- Sindku nfurma lill-Kunsill li hekk kif diġa għadda kwazi sena mindu l-Kunsill bgħat lil Dipartiment għal Gvern Lokali biex isir ir-revizjoni tar- rati għal permessi tad-dħul tal-karozzi ġewwa l-Mdina, huwa ġie nfurmat li bħala DLG dawn ġew approvati u bħalissa din ir-revizjoni qeda' għal kunsiderazzjoni ta' Transport Malta.

**43.4 Management Letter NAO- Risposta tal-Kunsill**

43.4.1 Is- SE poġġa fuq il-mejda tal-kamra rapport tal-NAO li jinkludi l-Financial Statements awditjati kif ukoll il-management letter tal-Awdituri u r-risposta tal-Kunsill.

43.4.2 Is- Sindku ppropona li l-ittra tal-Awdituri għandha tiġi mwieġba kif irrakkomandat mill-accountant tal-Kunsill. Il-Kunsill qabel unanimamnet.

**43.5 Rapport Amministrattiv 2021**

43.5.1 Is-Segretarju Eżekuttiv qiegħed fuq il-medja tal-Kunsill ir-rapport amminstrattiv għas- sena 2021

43.5.2 Ir-rapport amministrattiv għas-sena 2021 kien propost għall- approvazzjoni mis- Sindku li kien issekondat mill- Kunsilliera, is- Sna Scerri. Ir-rapport ġie approvat unanimament.

**43.6 BBQ- Jum l-Mdina**

42.6.1 Is- Sindku ppropona li wara assenza ta' sentejn minħabba l- pandemija għandu jerġa jiġi organizzat il-BBQ annwali ta' Jum l-Mdina fi Pjazza Mesquita.

42.6.2 Il-Kunsill approva u din ser issir lejliet il-festa pubblika ta' L-Indipendenza nhar it- Tlieta 20 ta' Settembru 2022. Sadanittant is- SE ġie mitlub biex iġib tlett kwotazzjonijiet għal ikel li ser jiġi servut dak nhar.

**43.7 Ilmenti u items oħra ta' xogħol ieħor tal-Kunsill**

43.7.1 VSquared- talba biex jitpoġġa *backdrop* barra Vilhena Palace waqt attivita'. Il-Kunsill approva.

43.7.2 DLG Ċirkulari Nru. SPI/SCI/09/2022- Finanzjament ta' Proġetti Kapitali. Il-Kunsill talab li ssir laqgħa mal-Perit tal-Kunsill biex jiġi diskuss xi proġett partikolari.

43.7.3 DLG Ċirkulari Nru. SPI/SCI/08/2022- Espressjoni ta’ Interess- Finanzjament Milied 2022. Il-Kunsill ħa nota tagħha.

43.7.4 Is- SE qara’ l-istqarrija pubblika li ħarġu flimkien il-Kunsilli tar- Rabat, Mtarfa u Mdina rispettivament rigward l-Mdina Grand Prix.

**43.8 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Iskeda ta’ Pagamenti**

43.8.1 Fuq il-mejda tal-kamra tqegħdet l-iskeda ta’ ħlasijiet li jġibu d-data tas- 22 ta’ Awwissu 2022 (Meħmuz) li jammonta għas-somma ta’ € 35,550.27

43.8.2 L-iskedi ta’ ħlasijiet kienu proposti għall-approvazzjoni mill-Kunsilliera. Il-Kunsill unanimament approva li jsiru l-ħlasijiet. L-iskeda ta’ ħlasijiet ser jiġu ffirmati miz-zewġ Kunsilliera biex juru li hu dokument korrett.

**43.9 Tmiem tal- Laqgħa u data tas- Seduta li jmiss**

43.9 Wara li ma kienx hemm affarijiet oħra, l-laqgħa ntemmet fil- 11.42am u ġiet aġġornata għal- 26 ta’ Settembru 2022 fit-9am.

| | |
|---|---|
| IFFIRMATA | IFFIRMATA |
| ______________________ | ______________________ |
| Peter Sant Manduca | Mark Mallia |
| Sindku | Segretarju Ezekuttiv |

Data:___26 ta’ Settembru 2022__